MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

14 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti u fil-ħin.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li Dr. Brincat rrimarka li f'item 4.4.6 hu kien qal li "ħdejn iż-żona ndustrijali fi Triq il-Linja hemm bozza t-teptep" u mhux "wara l-Ambaxxata Amerikana hemm bozza t-teptep". Din il-korrezzjoni ġiet approvata.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

5.3.1 L-*embellishment* tal-*area* fejn hemm il-fabbriki taħt l-amministrazzjoni tal-MIP li għamlu xi xogħolijiet u żergħu anke xi siġar. Mill-*overhead projector* ingħatat informazzjoni fuq il-151 siġra li nżergħu u permezz ta' din il-korrispondenza l-MIP jixtiequ jgħaddu din l-area lill-komunita'. Is-Sur Cordina saqsa jekk hux ha tiġi devoluta l-*area* jew bħalha Kunsill nidħlu għall-manutenzjoni u wara joħdulna l-*area* lura.

Is-Sur Galea qal li hu jagħmel parti mill-Assoċjazzjoni li tamministra l-*area* tal-fabbriki fi Triq l-Imdina. Hu qal li jekk ikun il-każ jintalbu iktar flejjes għall-manutenzjoni u tieħu ħsiebha l-Assoċjazzjoni.

Is-Sur Cordina qal li l-opinjoni tas-Sur Grech hi tajba ħafna w'għaldaqstant hu jħoss li:

1. L-Kunsill għandu jkun favur il-proġett. Is-Sur Galea jista' jastjeni mid-deċizjoni sakemm jekk m'għandux xi forma ta' renumerazzjoni jista' jagħti parir. Is-Sur Galea qabel.
2. Għandu jintalab jekk hux ħa jsir xi tip ta' *screening*
3. Ġaladarba jsir il-proġett jekk hux ħa tiġi devoluta lilna.

Dr. Brincat saqsa wkoll x'se jiġri mill-ħajt fejn hemm siġar taż-żebbuġ. Il-Perit Schembri qal li fil-każ issir estensjoni tal-*buffer zone* fuq wara fi Triq il-Linja.

Is-Sur Galea qal li hemm xi siġra tal-prinjol trid tinqala' imma minflokha se jinżergħu 15-il siġra oħra.

5.3.2 Triq Annibale Preca - talba sabiex din issir direzzjoni waħda l'fuq biss bejn is-6.30 u 8.30 ta' filgħodu. Hu qal li minn banda għandhom raġun għax it-toroq dojoq wisq u jirriskjaw li jittajjar xi ħadd imma qal ukoll li Ħ'Attard ma jiflaħx jassorbi iktar traffiku għax ħa jispiċċa kollox go *bottle neck* cioe' Linja. Dr. Caruana qalet li dan ħa jirriżulta f'disservizz lejn in-nies ta' Ħ'Attard.

Il-Perit Schembri qal li mhu fil-kompitu tal-ebda Kunsill li wieħed jara dawn il-problemi sakemm ma jkunx hemm Master Plan tajjeb tat-traffiku min-naħa ta' fuq ta' Malta, Mosta, Naxxar, Mġarr.

Is-Sur Cordina kompla billi qal li saret laqgħa mas-Sur Mario Fava, President tal-AKL u ieħor ma' Transport Malta. Hu qal li l-Kunsill ma jridx ikun ta' xkiel imma lanqas m'għandu jbati r-raħal mill-banda l-oħra. Issuġġerixxa għaldaqstant li ssir laqgħa ċ-Ċentru Parrokkjali u jiġu mistiedna s-Sindku u Kunsilliera tal-lokalitajiet ta' Ħal-Lija u Ħal-Balzan flimkien mal-Perit Dieter Falzon. Kulħadd qabel.

5.3.3 Attivita' Young Warriors 2019 - Din l-attivita' se ssir nhar is-17 ta' Novembru u ma' kull 10 biljetti qed jingħataw tnejn. Jekk il-Kunsill jitħajjar jista' jikkoordina din l-attivita' ma' NRGY Concepts għall-prezz ta' Euro 25 kull biljett. Is-Sur Cordina qal li se jiccekkja mal-Attard Football Club filwaqt li s-Sur Galea talab li n-neputi tiegħu Isen Dimech jinżamm bħalha riżerva.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

5.4.1 Is-Sur John Bonnici:

- Talab biex fejn il-flats tal-Gvern jinqalgħu il-yukki u ssir bankina.
- Saqsa jekk residenti tar-raħal jistax jinħarġilhom permess biex jgħaddu minn Triq Ħal-Qormi. Is-Sur Cordina qal li l-permessi inħargu għar-residenti tal-qalba tar-raħal bi ftehim ma' Transport Malta u jerġa' mhux iċ-Ċentru tar-raħal kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni sabiex ma tiġix aċċettata xi ħaga ulterjuri minn dak li diġa' hemm fil-ftehim, li tiġi a diskriminazzjoni ta' ħaddieħor galadarba dawn kienu ġa ntalbu u ma ingħatawx. Barra minn hekk is-Sur Cordina qal li dawn il-permessi eventwalment kollha ha jispiċċaw meta jsir il-proġett tas-Central Link. Din it-talba għaldaqstant ma ġietx milqugħa.

5.4.2 Is-Sur Victor Galea:

- Talab li ssir Un/loading bay quddiem Borg Autoparts.
- Qal li l-Un/loading bay ta' Horace ġiet rifjutata.
- Rega' semma l-marki tal-karreġġjata għax qed idumu wisq biex isiru. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill qed jaħdem b'żewġ ħaddiema u bħalissa qed jimmarkaw il-monti ta' Ta' Qali kollu.
- Li għandu donazzjoni ta' 400 ktieb minn Dr. Anna Portelli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel ma jinġabu preferibbilment tarahom minħabba li mhux il-kotba kollha huma tajbin għall-Librerija.
- Talab biex issir bye-law fuq il-ħruq sabiex min iqabbad ikollu multa. L-Avukat Caruana qalet li ġa teżisti fil-liġi li ma tistax tqabbad għax jiġi arson u allura *against the law.*

5.4.3 Is-Sur Alex Mangion:

- Saqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-punti li l-Kunsill għadda ħabba t-Traffic

Management tas-Central Link. Ma kienx hemm risposta.

5.4.4 Is-Sur Giorgio Schembri:

- Qal li fuq is-Central Link id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.
- Qal li l-Wied għadu mblukkat bis-sigar tal-*Castor Oil* invażivi. Hemm bżonn li l-Kunsill jitkellem sabiex jitneħħew
- Hemm xi friegħi ta' siġar biex jinżabru mill-ELC.

5.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri:

- L-attivita' tal-Animal Welfare kienet tajba ferm.
- Li qed tipprova tirranġa sabiex isiru xi attivitajiet sportivi oħra bħal Aerobics ġaladarba Pilates ma rrnexxiex.
- L-attivita' tac-Chess ha ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar.

5.4.6 Dr. Silvio Brincat;

- Irrappurtata fuq nirien anka ġewwa ż-Żona ndustrijali. Is-Sur Galea qal li dak volum żgħir kumparat mal-foga kollha li kien hemm fil-każ li semma hu.

## 5.5 Ġieħ Ħ'Attard 2019

5.5.1 Is-Sur Bartolo qal li se jintlaqgħu in-nomini sat-8 ta' Novembru 2019 u ssir laqgħa mal-Bord tal-Għażla fit-12 ta' Novembru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija. Sadannitant se jsiru arranġamenti min-naħa tas-Sur Cordina dwar is-sound fl-Auditorium, it-tip ta' mużika li se tindaqq, il-preżentatur jew preżentatriċi u trophies sabiex jiġi mħejji kollox qabel il-laqgħa tat-18 ta' Novembru.

## 5.6 Rapporti

5.6.1 Ġew preżentati ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2018 u l-Business Plan 2019-2021. Dawn ir-rapporti wara li ġew diskussi fil-qosor ġew approvati.

## 5.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

5.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-iffirmar il-Kuntratt ta' servizz ta' The Notebook Centre. Dan il-kuntratt ġie ffirmat quddiem il-Kunsill.

Ġie preżentat ukoll ir-rapport tal-laqgħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Ġbir ta' Skart Domestiku li saret nhar il-25 ta' Settembru 2019. F'dan ir-rapport jingħad li l-*bidder* Veladrians Limited instab konformi f'kollox u li l-offerta sottomessa hi fil-parametri tal-*budgeted amount* għal dan it-tender.

Dan ir-rapport ġie approvat w'għaldaqstant il-Kunsill qabel li t-tender tingħata lill-Veladrians Limited. Il-Kuntratt il-gdid għandu jibda mill-1 ta' Diċembru 2019.

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

5.8.1 Approvati.

## 5.9 Mozzjonijiet; u

5.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 5.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Novembru 2019 fil-6.00pm.

Konfermati, illum 18 ta' Novembru 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv